ma nibtux. Għalhekk, kif għedt qabel, hemm ward sabiħ wisq fil-barr tal-Galilija, u friefet sbieħ wisq ukoll, imżewwqa, jittajru fuq il-ward.

* * *

Jiena domt sena u xahrejn Nazaret. Sena u xahrejn ta' dwejjaq, għax saħti wkoll lil klima t'hemm isfel ma tridhiex. Għal hekk, ngħid għalija, li kont nista', immur inżur xi żjara lil Nazaret, imma noqgħod fiha għal kollox le. Irrid aktar noqgħod Ġerusalem, fost id-djar maħmuġa u r-rwejjaħ, imma wkoll qalb il-ħbebirija tal-Għarab ta' hemm. F'Ġerusalem, imqar jekk titla' fuq bejt, tara dawra kbira, b'għoljiet u widjien u rħula ma' dwarek. Jekk titkellem ma' nies, imqar jekk qatt qabel ma tkun rajthom, qisek qiegħed titħaddet mal-ħbieb. Nażaret, biex tara ftit l-arja, trid titla' fuq xi għolja jew toħroġ barra mill-belt. In-nies, ikunu min ikunu, qatt ma jaqbillek tqishom ta' ħbieb. Għalhekk, irrid aktar in-nixfa u l-hena ta' Ġerusalem, mill-ward u d-dwejjaq ta' Nażaret.

Fra Nazzarenu, O.F.M.

---

IT-TIENI TAQSIMA — **IMĦABBA**

# SAN ĠWANN ĊKEJKEN TA' GĦAJN KAREM

*(24 ta' Ġunju)*

Fir-raħal fejn twieled San Ġwann, raħal jismu Għajn Karem, fuq il-għar in-nifsu fejn twieled, hemm knisja kbira, mibnija mis-Salibin, jew *Crociati*, għall-ħabta tas-seklu tnax. Dil-knisja issa qegħda f'idejn ir-Rħieb ta' Ġieżu, li jgħammru ġewwa Dejr kbir, imissagħha. F'dil-knisja, fil-24 ta' Ġunju ssir festa kbira u sabiħa. Il-knisja tkun imżejna mill-aħjar, u fuq l-artal il-kbir, f'nofs il-knisja, titqiegħed sura, jew *statua* ta' San Ġwann żgħir.

Il-Misilmin jemmnu ħafna b'San Ġwann il-Għammiedi, u jgħidu li hu *profeta* tagħhom, u jsemmuh in-Nebi Jaħji, jiġifieri: il-*profeta* li jagħti l-ħajja. Għal hekk, qabel ma sar il-ġlied bejn il-Għarab u l-Lhud, dal-aħħar, meta f'dar-raħal kienu jgħammru xi tliet elef Misilmin (u biex ngħiduha wkoll, xi tliet mija Insara, li issa ħarbu kollha, u minnhom ma baqa' ħadd), fil-24 ta' Ġunju, meta s-sura ta' San Ġwann żgħir kienet tittieħed missagrestija u titqiegħed fuq l-artal, ħaf-



**L-istatwa ta' San Ġwann ċkejken.**

**(Ritratt meħud mill-kittieb, fil-bitħa tas-Sagristija).**

na min-nisa Misilmin kienu jiġu jżuruh, u jġibu lil uliedhom żgħar magħhom, hemm fil-knisja.

Dawn in-nisa Misilmin, tista' tgħid li qatt ma jkunu raw sura, billi ftit li xejn joħorġu minn djarhom, għajr biex imorru jġibu l-ilma mill-għajn. U Dinhom ma jħallix li jkollhom xbiehat u suriet ta' ebda ħaġa ħajja. Għal hekk din is-sura ta' San Ġwann ċkejken, bil-klil f'rasu u salib f'idu, u għorwien laħam (għax qabel kien għorwien għal kollox, imbagħad is-sorijiet, meta għamlu terħa tal-ħarir għall-artal, irrakkmata bil-ħajt imżewwaq, billi kien baqagħlhom biċċa ħarir żejda, għamlu minnha bobba lilu), kienet tmissilhom qalbhom. Kienu jaħsbuh tifel żgħir ħaj, ta' bil-ħaqq. Għal hekk kienu jġibu t-tfal żgħar tagħhom biex juruhomlu. U jġibu wkoll lewż, tin imqadded, banana, żbib, ġulġlien u tamar u ħelu Għarbi, u jqegħduhomlu, biex meta jrid jinżel jiekol, fuq mejda li jkun hejja minn qabel is-sagrestan, u jitkellmu miegħu, mill-bgħid.




**Il-Għar fejn twieled San Ġwann.**
**(Li l-Franġiskani bidluh f'Kappella)**

"Ħanini," tgħidlu waħda, "kif inhi li xejn ma kbirt mis-sena l-oħra 'l hawn? Ara ibni kemm kiber. Int għax ma kbirtx? Mela r-Ruħban (jiġifieri l-Franġiskani) ma humiex jitimgħuk?"

Imbagħad taqbeż oħra: "Eh, jaħasra! Li kont ommu jien! Kieku kemm nibża' għalieh u nieħu ħsiebu... kieku tara kemm inkabbru! Mhux hekk, dejjem jibqa' daqs li jkun!"

Imbagħad oħra: "U isktu! Dak għal bil-għan ma jridx jikber. Kif jista' jkun li r-Ruħban ma jitimgħuhx, jitimgħu saħansitra lill-barranin. U kieku ma jitimgħuhx, kieku ilu li miet. Dak irid jibqa' żgħir biex ikun bħal uliedna, u jibqa' jħarishom mid-deni u jfejjaqhom mill-mard. Lill-ibni hu fejjaquli, u fejjaquli f'jumejn. Kieku ilu xi sitt xhur mejjet. U t-tewmin ta' Nebiħa hu fejjaqhomlha wkoll. Staqsuha u tgħidulkom. U wkoll fejjaq lil bint Żagħlula u lil Imħammed bin Trajja, u lil ħafna oħrajn żgħar."

"U lil ibni ma semmejtux?" taqbeż tgħid Maħfuża. "Ħalil tiegħi ma waqagħlix minn fuq il-bejt għamnewwel? Jien għamiltu b'mejjet meta rajtu mixħut fl-art ma jitħarrekx. Ma werżaqt u għajjat bi ftit. Oħti qaltli: 'Sejjaħ lin-Nebi Jaħji!' U jien sejjaħtlu u ibni qam u telaq jiġri, ifarfar il-għabra minn ħwejġu, donnu waqa' fuq it-tiben, mhux fuq il-ġebel u l-blat." U erħilhom sejrin, kull waħda tgħid tagħha. Meta tismagħhom, għall-ewwel tkun sa tinfaqa' bid-daħk u jkollok twarrab naqra. Imma mbagħad tidrahom, u jekk kif tkun hemm, tgħinhom kelma fuq kemm hu xâtar (bravu)

San Ġwann, u għal kemm żgħir, kemm jaf jaqra u jikteb, ma tagħmilx ħażin.

* * *

Meta kont Għajn Karem jien, smajt ġrajja fuq dan San Ġwann żgħir, li sa ntenniha kif smajtha, għad li jekk hix kollha minna, ma nafx.

Mela, qabel il-ħarb tas-sena 1917, wieħed Għarbi jismu Maħmud, li kien jagħmel il-ġir, fettillu jieħu ftit ħaġar u jaħarqu biex jagħmlu ġir, minn ġewwa għalqa li jgħidu li fiha kien *jippriet-ka* San Ġwann, hemm, ħada Għajn Karem, fuq ir-riħ tat-triq. Kif ħejja kollox fil-kalkara (hemm jgħidulha: lettun), jersaq ma' ġenbu tifel żgħir għorwien, ta' xi tliet snin.

"X'sa tagħmel b'dak il-ħaġar?" saqsa ċ-ċkejken lil Maħmud.

"Sa nagħmlu ġir." wieġeb dak.

"Arġa' ħu dak il-ħaġar minn fejn ġibtu, għax dak tiegħi!" qallu ż-żgħir.

"U mur 'l hemm!" wieġbu Maħmud. "Dak m'hu ta' ħadd. Ġibtu minn dik il-għalqa t'hemm fuq. Tersaqx 'l hawn, għax tagħmel il-mimmi, għax sa nqabbad in-nar."

"Għedtlek: ħudu minn fejn ġibtu, għax ħażin għalik! Dak il-ħaġar tiegħi. Jekk tqabbad in-nar tara!"

Maħmud qabad jidħak u xegħel kubrita (sufarina), imma malli messha man-nitex (ikun xewk irqiq li jixegħlu n-nar bih), faqqgħet tfaqqiegħa u għamlet donnha berqa, li għal naqra ma għamietux.

Malli sata' jiftaħ għajnejh Maħmud, jara liż-żgħir iħares lejh imgħaddab u jurih b'sebgħu il-għalqa minn fejn ġieb il-ħaġar. "It-tewba! It-tewba!" (jiġifieri: 'ma narġax'), għajjat Maħmud; u f'daqqa ċ-ċkejken ma deherx.

U arah imbagħad lil Maħmud, jarma l-ħmar u jġorr bis-sabar kollu l-ħaġar u jixħtu fil-għalqa minn fejn kien ġiebu.

U l-istorja ma tehdiex hawn.

Mela sena waħda, għal għid San Ġwann, ir-Rħieb riedu jbajjdu l-bitħa tas-sagrestija. Issa s-sagrestija fiha żewġ bibien: wieħed għall-knisja u wieħed għall-bitħa. U fil-bitħa hemm bieb għal barra, minn taħt il-kanpnar. Għal hekk qabbdu raġel biex jiġi jbajjad u r-raġel ħasel ġieb miegħu lil Maħmud.

Kif kienu joborxu l-ħajt tal-bitħa, qabel ibajjduh, Maħmud tah il-għatx u ried jixrob. Ġewwa s-sagrestija hemm ħawt tar-rħam u fuqu bħal ġarra wiesgħa, tar-rħam ukoll, b'żewġ għejjun tal-ilma, fejn jaħslu jdejhom qabel ma jqaddsu r-Rħieb (dil-ġarra tar-rħam fiha miktub: LAVAMINI. MUNDIES. TOTE. Dejjem kont nidħak meta naqraha, għax min kitibha ħa żball. Flok: *mundi estote,* kiteb: *mundies tote,* li tfisser ħaġa oħra minn ta' qabel). L-ajk sagristan qallu jmur jixrob minn hemm.

Kif Maħmud xorob, u kien qiegħed jimsaħ xuftejh fil-komma, iħares lejn in-niċċa fejn hemm san Ġwann iż-żgħir li semmejna l-ewwel jgħajjat waħda: "J'aba!" u jitlaq jiġri 'l barra.

"Xi ġralu sieħbek?" saqsa l'ajk lil bajjad. "Jien ma nafx. Kont sa nsaqsi lilek," wieġeb dak. Għal hekk il-bajjad mar ifittex lil Maħmud, għax ħaseb li kien tah xi ħass ħażin kbir.

Sabu d-dar, isfar daqs lelluxa, u l-għaraq nieżel ma ġbinu, qtar-qtar. "Xi ġralek?" saqsieh. "Għaliex tlaqt tiġri 'l barra hekk?"

"Għax kien hemm dak it-tifel iż-żgħir li kien sa jagħmini ħdejn il-lettun!" wieġeb Maħmud.

"U mur! Mela qiegħed toħlom?" wieġeb dak. "Fis-sagrestija ma kienx hemm tfal. Jien m'hux hemm ukoll kont?"

"Kien hemm!" raġa' Maħmud. "Kien hemm dak iż-żgħir li kien sa jagħmini, wieqaf ġewwa tieqa fil-ħajt!"

Jiġifieri, kif qal hu, it-tifel iż-żgħir li għajjat miegħu għax seraq il-ħaġar, kien dak in-nifsu San Ġwann żgħir, li kellhom ir-Rħieb ġewwa s-sagrestija, fin-niċċa, qalb l-armarjijiet.

ELSIE.

---

# IR-RE TA' EDESSA U X-XBIEHA TA' ĠESU'

Il-Palestina, ftit 'l isfel minn Ħajfa, hemm raħal fuq xatt il-baħar jismu Kajsarija. Dak fil-bidu tiegħu kien belt żgħira Feniċja, jisimha Borġ Straton. Ħamsa u għoxrin sena qabel ma



Ix-Xbieha ta' Ġesù, li kif jingħad mill-qedem, bagħatha Huwa lir-Re Abgar, ta' Edessa. Il-kliem ta' taħt ix-xbieha hu dan: "Vera Imago Dni. Nostri Jesu X.ti ad Regem Abagarium missa." Din ix-xbieha tinsab fil-Kumisserija tal-Qabar ta' Kristu, il-Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

twieled Ġesù, Erodi l-Kbir lil dil-belt żgħira biddilha f'belt kbira u sabiħa, billi d-daħla ta' baħar tagħha għamilha marsa mill-aqwa, u ma' dwarha bena bini bħal dak li jkun fihom il-bliet Rumani l-kbar, u semmieha *Caesarea*, li minnha ħareġ l-isem li għandha l-lum: Kajsarija. Mill-bikri f'din il-belt tnisslu l-Insara (ara l-Atti ta' l-Appostli, kap X, vv. 1-44)), u żmien Kostantinu, jiġifieri ftit fuq it-tliet mitt sena wara Kristu, kien Isqof tagħha wieħed Grieg, jismu Ewsebju.

Dana Ewsebju kiteb ħafna kotba fuq l-ewwel żmenijiet tal-Insara, u fosthom l-Istorja tal-Knisja — l-ewwel waħda li nkitbet. F'din l-istorja (I, 13) Ewsebju jgħid li hu n-nifsu kkopja żewġ ittri mill-arkivju ta' Edessa, waħda li kiteb Abgar, re ta' dik il-belt, lil Ġesù, u oħra li kiteb Ġesù lir-re Abgar, u li magħha bagħatlu wkoll xbieha tiegħu, għax ir-re kien xtaq li jarah. Aħna dawn l-ittri u x-xbieha sa nġibuhom hawn, biex jitfarrġu bihom il-qarrejja.

L-ittra ta' Abgar, maqluba mill-ilsien Sirjak, tgħid hekk :—

"Abgar ir-re, lil Ġesù il-Ħellies, issliem. Smajt bik u bil-fejqan li tfejjaq mingħajr duwa u mingħajr ħxejjex. Lil għomja ġġiegħlhom jaraw; lil għorog jimxu; lil imġiddmin, jinsfaw. Tħarrab l-erwieħ il-ħżiena, issaħħaħ il-morda, u saħansitra tqajjem il-mejtin. U billi smajt dan kollu fuqek, nemmen li inti Alla n-nifsu li nżilt mis-sema, għal hekk tagħmel dawn l-egħġubijiet. Għal hekk ktibtlek biex nitolbok li kieku tiġi sa ħdejja u tfejjaqni mill-marda li għandi. Għax smajt ukoll li l-Lhud qegħdin jeħduha miegħek u jfittxu li jagħmlulek il-ħsara. U jien